

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 17/2012

tal-10 ta' Frar 2012

li temenda l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IV ta' mal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 162/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 ⁽¹⁾.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1056/72 ⁽³⁾, li hu inkorporat fil-Ftehim, ġie rrevokat fl-UE u għaldaqstant għandu jiġi rrevokat ukoll skont il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IV ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 1 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1056/72) jitħassar.

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 42 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/548/KE):

"43. **32009 R 1222:** Ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 46)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1222/2009 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Frar 2012, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

⁽¹⁾ ĠU L 76, 15.3.2012, p. 49.

⁽²⁾ ĠU L 342, 22.12.2009, p. 46.

⁽³⁾ ĠU L 120, 25.5.1972, p. 7 [Verżjoni bil-Malti mhux disponibbli].

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.